

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Peek & Cloppenburg KG (Düsseldorf) hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 311, 3.9.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Mejju 2020 – Peek & Cloppenburg vs EUIPO – Peek & Cloppenburg (Peek & Cloppenburg)

(Kawża T-445/18) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Peek & Cloppenburg – Isem kummerċjali nazzjonali preċedenti Peek & Cloppenburg – Raġuni relattiva għal rifjut – Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Koeżistenza tal-isem kummerċjali nazzjonali u tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni – Ftehim ta’ delimitazzjoni – Applikazzjoni tad-dritt nazzjonali mill-EUIPO – Sospensjoni tal-proċedura amministrattiva – Artikolu 70 tar-Regolament 2017/1001 – Regola 20(7)(c) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 (li saret l-Artikolu 71(1) tar-Regolament ta’ Delega (UE) 2018/625) – Żball manifest ta’ evalwazzjoni”)

(2020/C 215/37)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Peek & Cloppenburg KG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. Lange, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Hanf, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Peek & Cloppenburg KG (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Renck, M. Petersenn u C. Stöber, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Jannar 2018 (Każ R 1270/2007-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Peek & Cloppenburg (Hamburg) u Peek & Cloppenburg (Düsseldorf).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Peek & Cloppenburg KG (Düsseldorf) hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 311, 3.9.2018.